**18 ta' Awissu 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Gaetano Spiteri proprio et nomine

*versus*

Thomas sive Tom Castle

**Danni — Preskrizzjoni — Kolpa Akwiljana — Kolpa Kontrattwali — Art. 2253(f), 2258, 2261(f) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-Preskrizzjoni tal-azzjoni hija ta' sentejn meta d-danni jidderivaw mill-kolpa akwiljana jew mill-kważi delitt, iżda l-Preskrizzjoni hija ta' ħames snin meta d-danni jidderivaw minn kolpa kontrattwali.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, proprio et nomine — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u meħudin il-provvedimenti kollha opportuni; peress li mitlul dan l-aħħar sentejn il-konvenut għamel ħsara fil-karozza 5352 tal-attur u peress li l-konvenut għad għandu jagħti lill-attur bilanċ għal kiri ta' diversi karozzi self drive;

Peress li d-danni jammontaw għal sitta u għoxrin lira erba' xelini u sold (£26.4.1) u l-bilanċ dovut għal kiri tal-imsemmija karozza jammontaw għal tmienja u għoxrin lira u ż-żewġ xelini (£28.2.-.).

*Peress li fit-28 ta'* Ottubru, 1963, *il-konvenut*, wara diversi talbiet tal-attur, aċċetta li kellu jagħti dina s-somma però ma kellux flus kontanti f'idejh u għadu sallum ma ħallasx. talab li l-konvenut minħabba r-raġunijiet fuq esposti jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma globali ta' erbgħa u ħamsin lira sitt xelini u sold (£54.6.1.) dovuti kif fuq indikat, bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat tal-impediment tas-safar tal-21 ta' Novembru, 1963, u bl-interessi legali min notifika.

OMISSIS:

Illi skond ċ-ċitazzjoni kif tinsab korretta t-talba tal-attur tinqasam f'żewġ partijiet, l-ewwel waħda *relativa* għal kundanna tal-konvenut fis-somma ta' £26.4.1. danni kaġunati lill-karozza Nru. 13233 lilu mikrija mill-attur, u t-tieni relativa għal kundanna tal-istess konvenut fis-somma ta' £28.2.-. bilanċ tal-kumpens tal-kiri ta' diversi karozzi "self drive".

Illi l-konvenut, permezz tal-verbal fol. 20, iċċara l-ewwel eċċezzjoni tiegħu fis-sens li l-preskrizzjoni minnu sollevata hija *dik ta'* sentejn għad-danni u ta' tmintax-*il xahar (art.* 2253(f) Kod. Ċiv.) għal bilanċ preiż fuq il-kiri. Barra milli jiċċepixxi din il-preskrizzjoni huwa jgħid wkoll li m'għandu

jagħti xejn lill-attur, għax kwantu għad-danni, għalkemm huwa ma jikkontestax il-fatt bħala tali, l-attur kien qallu biex ma jagħtix kashom, ħaġa li huwa minnha inferixxa li l-attur ried jirrinunzja għalihom (fol. 52), u kwantu għal kirjiet huwa kien ħallas lill-attur £20 per saldu b'cheque fit-2 ta' April, 1961, u dana relativament għal kiri ta' karozza mill-11 ta' Marzu, 1961 sakemm għamlilha ħsara fit-30 ta' Marzu 1961, mentri lanqas ma kellu jagħti ta' xi kirjiet preċedenti għax huwa kien dejjem ħallas regolarment (fol. 50/51).

Illi l-attur jikkombatti l-eċċepita preskrizzjoni bl-allegazzjoni tar-rinunzja da parti tal-konvenut (art. 2214 Kod. Civ.), liema rinunzja huwa jinferiha mill-pretensjoni tiegħu li fit-28 ta' Ottubru, 1963, il-konvenut fil-preżenza tiegħu u tal-avukat tiegħu (Dr Mifsud) aċċetta u ipprometta bil-fomm li jħallas iddebitu kollu, u li ma laħaqx ifferma d-dikjarazzjoni analoga lilu preżentata minn Dr. Mifsud (fol. 32) għax talab xi żmien biex jaħsibha dwar ir-rati li seta' joffri u mbagħad ma tahomx risposta u baqa' ma ħallasx. Fil-meritu, l-attur jgħid li l-pagament ta' £20 ta' April, 1961, kien sar sempliċement akkont u li hu qatt ma rrinunzja favur il-konvenut la għad-danni u lanqas għal bilanċ dovut għal kirjiet skond il-paġina relativa għal kont tal-konvenut estratta mir-reġistru tiegħu u mħollija fil-proċess.

Illi meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni ż-żewġ perjodi preskrittivi allegati mill-konvenut kienu laħqu skadew għax ma kien hemm ebda interruzzjoni b'xi att ġudizzjarju, u dana anki jekk il-perijodu li jirriferixxi għal kirjiet jiġi kkalkolat millaħħar kirja, u wisq iktar b'applikazzjoni tal-art. 2256(1) Kod. Civ. L-aħħar kirja, skond l-attur saret fit-2 ta' April, 1961, u skond il-konvenut fil-25 ta' dak ix-xahar, b'mod li tmintax ilxahar previsti mill-art. 2253(f) għalqu fit-2 jew fil-25 ta' Ottubru, 1962, mentri ċ-ċitazzjoni ġiet preżentata fis-16 ta' Novembru, 1963. Fil-kas tad-danni, jekk il-preskrizzjoni hija ta' sen-

tejn, din għalqet fit-30 ta' Marzu 1963;

*Illi* l-konvenut huwa korrett meta jindika l-perijodu ta' 18 il-xahar bħala dak preskrittiv tal-azzjoni għal bilanċ tal-kumpens tal-kirjiet skond l-art. 2253(f), iżda mhuwiex ugwalment fi dritt tajjeb meta jsemmi l-perjodu ta' *sentejn għad-danni*, għax il-preskrizzjoni applikabbli għad-danni f'dan il-każ mhix dik tad-danni derivanti mill-colpa aquiliana jew mill-kważi delitt u ndikata fl-art. 2258 tal-Kodiċi Ċivili imma dik ta' ħames snin applikabili għal colpa kontrattwali u msemmija fl-art. 2261(f). Il-colpa aquiliana *tikkorri meta d-dannu jiġi kaġonat* f'rapport extra-kontrattwali, ċioè tillimita ruħha għal fatt tal-bniedem bħala ksur **tad-dover ta' protezzjoni** jew ta' dover ġenerali tan-"neminem laedere" kombinat man negliġenza taħt l-art. 1075, 1076 tal-Kodiċi mentri l-colpa jew responsabilità kontrattwali *tirrisali għal* kuntratt u hija fondata fuq il-vjolazzjoni **tad-dover tal-prestazzjoni** li l-obbligat għandu favur il-parti l-oħra. Għalkemm fil-Kodiċi tagħna il-grad tal-colpa tant f'kas kemm f'ieħor kien minn dejjem **l-istess** (ċf. art. 1175(1) u 1075), ċioè dak il-grad ta' colpa li jonqos mill-"*istandard*" ta' diliġenza tal-"bonus pater familias" a differenza mill-liġi taljana li biss bil-Kodiċi tal-1942, abbandunat il-konċett tad-dritt Ruman li "in lege aqulia et levissima culpa venit", il-kawża *taż-żewġ kwalitajiet ta' colpa kienet minn* dejjem hekk distinta fil-ġurisprudenza numerusa u kostanti pat-rija għal dak li jirrigwarda l-konsegwenza tad-distinzjoni fuq il-perijodu tal-preskrizzjoni, (vide Qorti tal-Kummerċ, Attard vs Zerafa, 24 ta' April, 1906 u Appell, Tonna vs Smith, 7 ta' Novembru 1932, Koll. Vol. 28, i, 726 u *sentenzi fiha* ċitati). L-unika diffikultà li jista' jibqa' mhix fil-prinċipju imma semmai fl-individwazjoni eżatta tan-natura tal-colpa fid-diversi fattispeċji li ċ-ċirkostanzi jistgħu jaqalgħu.

Illi a propositu *ta' dana* l-Onorabbli Qorti tal-Appell fi żmien iktar reċenti (Busuttil vs Schembri, 19 ta' Frar, 1954

Kol. Vol. 38, i, sez. 2, paġ. 292) waqt li kkonfermat id-distinzjoni fuq imsemmija għallmet wkoll li huwa veru li mhux kull vjolazzjoni ta' dritt ta' ħadd ieħor fl-adempiment ta' kuntratt tikkostitwixxi kolpa *kontrattwali*, iżda żiedet li biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali jeħtieġ *li ma* jkollhiex rapport mal-kuntratt pre-eżistenti, u għalhekk jiddependi miċ-ċirkostanzi l-ġudizzju jekk il-colpa li wieħed mill-kontraenti jaddebita lill-ieħor hijiex kontrattwali jew aquiliana; u l-konklużjoni tagħha (l-każ kien ta' bini ħażin ta' ħajt minn appaltatur) kienet illi l-colpa fil-preżenza ta' kuntratt, tista' tkun aquiliana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali.

Illi anki d-duttrina kontinentali reċenti hija fis-sens li fl-individwazzjoni tan-natura tal-colpa ħafna jrid jitħalla għall-"interpretazzjoni ġudizzjarja" jew, iktar bi preċiżjoni, għad-diskrezzjoni tal-ġudikant fl-apprezzament tal-fattispeċji dedotti (Enciclopedia del Diritto, Giuffrè 1960 Vol. VII, Teoria Generale della Colpa, Civili, paġ. 543);

Illi fil-fattispeċji l-Qorti jidhrilha li l-colpa tal-konvenut (minnu mhux kontestata bħala fatt) hija kontrattwali għaliex intrinsika u ħaġa waħda ma l-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni tiegħu taħt l-kuntratt ta' kiri ta' karozza li huwa daħal fih mal-attur, obbligazzjoni ċioè ta' kustodja tajba tal-karozza bid-diliġenza ta' "bonus pater familias" u li jirrestitwiha fi stat tajjeb fl-aħħar tal-kirja (art. 1643(*a*), 1649, 1650 Kodiċi Ċivili abbinati mal-art. 1175(1) fuq imsemmi. Il-konvenut għaldaqstant qabel ma irrokka fl-għalqa u għamel il-ħsara kien ġia obbligat **kontrattwalment** ma l-attur li jindokra l-ħaġa mikrija bid-diliġenza tal-"bonus pater familias" u li jirrestitwilu fi stat tajjeb, u tkun osservazzjoni ċinika li wieħed jgħid li d-dannu huwa extra kontrattwali għax l-attur ma krihilux biex jagħmlilha l-ħsara. Kieku kien hekk il-Qorti tal-Appell ma kienitx tikkonkludi favur il-colpa kontrattwali fil-każ tal-appaltatur fuq ċitat, u kienet anki tkun xort'oħra l-ġurisprudenza nume-

ruża dwar in-natura kontrattwali tar-responsabilità tal-konsenjatarju kull meta dana jonqos mid-doveri tiegħu tal-kustodja u preżentazzjoni għas-subasta tal-oġġetti elevati.

Illi t-tagħlim tal-opera awtorevoli ta' G.B. Chironi (Colpa Contrattuale, Bocca, Torino, 1925 paġ. 10 para.) huwa konformi.

Illi ma jidhirx li l-ġurisprudenza lokali tfornixxi xi preċedenti preċiżi fuq din l-aħħar proposizzjoni iżda l-korrettezza tagħha għandha ssegwi loġikament mid-distinzjoni li l-istess ġurisprudenza għamlet tant spiss, kif intqal fuq, bejn iż-żewġ perjodi preskrittiva ta' sentejn għall-aquiliana u ħames snin għal kontrattwali. Il-ġurisprudenza taljana, ċitabili bħala awtorità importanti f'dan r-rigward stante l-identità tal-prinċipji legali kommentati jekk urit xi konflitt dwar il-punt jekk ż-żewġ azzjonijiet jistgħux jiġu akkumulati f'kawża unika (vide Fadda, art. 1151-1152, nri. 871, 873, 884-887 kontra l-kumulu, u 888, 890 favur il-kumulu) dejjem irrikonoxxiet li l-istess fatt kolpus jista' jagħti ħajja liż-żewġ azzjonijiet, ċioè lill-aquiliana u lill-kontratwali. Infatti f'każ ta' infortunju fuq ix-xogħol iddeċidiet li anki wara l-preskrizzjoni tal-azzjoni kontrattwali l-ħaddiem seta' jintenta l-azzjoni "ex delicto" jekk il-preskrizzjoni relativa kienet itwal (idem nru. 923). Taħt dan l-aspett jassumu importanza t-terminu taċ-ċitazzjoni, biex il-Qorti tkun tista' tara liema azzjoni qegħda tiġi eżerċitata. Issa f'dan il-każ id-domanda mhix bażata fuq il-kawżali tan-negliġenza, imperizja jew inosservanza tar-regolamenti indipendentement mill-kiri tal-karozza imma hija marbuta mal-kiri ta' karozzi "self drive" u timmira għal kundanna għal ħlas tal-kumpens dovut għal dak il-kiri u tad-danni kaġonati lil waħda mill-karozzi. Din il-kawżali ma tiġiex alterata mis-sempliċi ċirkostanza li fis-sottostrat ta' fatt tagħha dejjem irid jinsab il-grad neċessarju ta' negliġenza, għax in-negliġenza hija fattur komuni, kif intqal fuq, tant għal kolpa kontrattwali kemm għall-aquiliana.

Illi anki jekk per ipotesi jikkonkorru *ż-żewġ forom* ta kolpa mhux ġust li l-konvenut jipprova itellef lill-attur il-benefiċċju tal-preskrizzjoni itwal derivanti mill-kuntratt sempliċement għaliex il-kolpa tiegħu hija talvolta mhux biss kontrattwali imma wkoll aquiliana, u wisq iżjed huwa hekk meta t-termini taċ-ċitazzjoni huma skond kif intqal.

Illi l-konvenut baqa' *ma* speċifikax jekk il-preskrizzjoni ta' sentejn minnu sollevata hijiex verament dik tal-kolpa aquiliana (art. 2258) jew dik ta' sentejn għall-azzjoni ċivili għal ħlas ta' danni ikkaġonati b'reat, ċioè bir-reat ta' danneġġament involontarju, liema preskrizzjoni tirriżulta mill-art. 2259(1) tal-Kodiċi Ċivili kombinat mal-art. 342(d) u 683(e) tal-Kodiċi Kriminali. Imma anki fit-tieni ipotesi jibqa' japplika l-prinċipju fuq *imsemmi*, ċioè *li l-azzjoni "ex contractu" tista' tiġi* eżerċitata indipendentement mill-azjoni "ex delicto".

Illi għar-raġunijiet premessi *il-preskrizzjoni applikabili* għad-domanda għad-danni f'dan il-każ mhix dik ta' sentejn sollevata *mill-konvenut* imma *dik ta' ħames snin għal kolpa* kontrattwali, liema perijodu għadu ma skadix u għaldaqstant l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tad-danni għandha tiġi respinta bħala mhux applikabili għal każ anki indipendentement mill-kwistjoni tar-rinunzja.

OMISSIS:

Għal dawn *il-motivi* l-Qorti *tirrespinġi l-eċċezzjoni tal*-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur s-somma ta' £54.6.1. *mitluba* fiċ-ċitazzjoni bl-imgħax legali min-notifika taċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż kompriżi dawk tal-impediment tal-partenza jitħallsu kollha mill-konvenut ħlief fejn ġia deċiżi bid-degriet mogħti ilum stess u ħlief għal dawk relativi għall-inġunzjoni u smiegħ tax-xhud Albert Gauci li, għall-istess raġuni li hemm msemmija f'dak id-degriet, għandu iħallashom l-attur.